**An appeal to future volunteers by Mr Philip Micallef, an experienced volunteer:**

## BIEX L-ESPERJENZA MISSJUNARJA TĦALLI L- FROTT

Għeżież voluntiera.

Aħna bħal ma tafu din l-esperjenza sejrin nagħmluha flimkien, imma fl-istess ħin din se tkun esperjenza individwali. Għalhekk daqs kemm se tħalli effet fuq kull wieħed u waħda minna din se tħalli fuq il-grupp.



L-ewwel ħaġa li għandu jkun hemm għal din l-esperjenza, hi li jkun ħemm intenzjoni retta, Jiġifieri din mhix se tkun xi vaganza jew xi ġita. Imma din trid tkun esperjenza missjunarja.

Issa jekk int għandek intenzjoni retta, din l-esperjenza se tagħmillek ġid żgur. Din bilfors li se timliek bil-kurraġ u bil-ħegga u għalhekk jkollok seba` mitt sena biex tagħmilha.

Issa hemm ser jkun hemm xogħol għal kullħadd u toqgħodx tgħid jien x'ser nagħmel jew dik il-ħaġa ma nafx nagħmilha. Aħna kull wieħed u waħda minna, kullħadd għandu t-talent tiegħu. Toqgħodux tħarsu lejn sħabkom u tgħidu ara dak qed jagħmel ħafna, jew dak qed jagħmel ftit. L-importanti hu li wieħed jagħmel l-almu tiegħu kollu biex jagħti kull ma' jista'.

Issa xtaqt ngħid xi ħaga fejn jidħol ix-xogħol. L-ewwel nett irridu noqgħodu attenti li ma jweġġa ħadd, jew li ħadd ma jweġġa lil ħaddieħor. L-ordnijiet għandhom jinataw biss mingħand il-leader tal-grupp tiegħek. Ma noqgħodux nindaħlu jew niffitaw lil xulxin. Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu minn min hu in charge. Tinsewx li vapor b'ħafna kaptani ma jimxix. Kemm jista jkun inkunu fil ħin fuq ix-xogħol, għax inkella ser twaqqaf lil sħabek tal-grupp. Meta wieħed ikun ser jispicca minn xi bicca xogħol, għandu jieħu ħsieb inaddaf l-għodda li jkollu u jerfaħha fejn suppost.

Punt li xtaqt insemmi wkoll hu dwar l-eżempju. Kemm jista jkun wieħed għandu jkun ta' eżempju tajjeb għal sħabu. Għax jekk tkun ta' eżempju tajjeb għal l-oħrajn tkun qed tgħin lil sħabek jagħmlu l-affarijiet aħjar. B'hekk l-affarijiet jimxu bla tfixkil. Minn barra minn hekk irridu nkunu ta' eżempju tajjeb għal dawk in-nies li nagħmluha magħhom, li niltaqgħu magħhom, jew li naħdmu magħhom. Dawn in-nies lilna jaħsbuna xi anġli neżlin mis-sema. Jien din l-esperjenza ġarrabtha kemm il-darba għax jibdew jgħidulek int il-Bambin bagħtek, int il-messaġġier tal-Bambin, int ġibtilna ir-risq, int ġibtilna l-barka, u ħafna kliem ta' tifħir bħal dan. Għalhekk ħafna jibdew jistidnuk ġo darhom għax iħossu li int se toħdilħom il-barka t'Alla. Għalhekk irridu noqgħodu attenti kif inġibu ruħna, għax dawn in-nies ikunu għajnejhom fuqna. Jiena ngħidilkom li aktar nagħmlu ġid b`eżempju tagħna milli bix-xogħol u l ħidma tagħna.

Issa jien hawn xtaqt ngħid x`nifhem biha meta ngħid tati eżempju tajjeb. Din tfisser:

- li tobdi l-ordnijiet tal-grupp leaders
- li tkun puntwali u fil-ħin
- li tieħu seħem fl-attivitajiet tal-grupp
- li tiekol minn dak li joħrog il-kunvent
- li wieħed ma joqgħodx igor minn taħt
- li wieħed jagħmel l-almu tiegħu kollu biex l-affarijiet jimxu sew.

Issa aħna din l-esperjenza, jekk kull wieħed u waħda minna jkun ta sehemu, għamel l-almu tiegħu kollu, għamel is-sagrifiċċju, kien ubbidjenti, kien ta' eżempju tajjeb, kien mimli ħeġġa, kien ikun fil-ħin u ma tnikkirx, allura din l-esperjenza se nibdluha f'festa ta' ferħ. Għax bħal ma kien ġara lid-dixxipli, meta Kristu bagħathom tnejn tnejn u lkoll ġew ferħana u jistagħġbu b`dak li għamlu, l-istess hekk jiġri lilna jekk ikun hemm il-koperazzjoni, l-ubbidjenza, l-ordni, il-ħeġġa u l-għaqda. Ilkoll nibdew nistgħaġbu b'dak li għamilna u nibdew nirrakuntaw minn x'hiex għaddejna u nibdew ngħidu isma jien għamilt ħekk. Jien illum iltqajt ma dik il-ħaga. Tibda tgħid ara jien meta ma kontx niflaħ nimxi u hawn kemm erfajt bricks. Ara jien Malta kemm kont narha bi tqila biex insellem lil xi ħadd u hawn kemm sellimt lil nies. Ara jien qatt ma kont ħdimt fix-xogħol tal-bini u hawn kemm ħassejtni komdu. Ara kemm kont narha bi tqila biex ngħin lill-proxxmu tiegħi f'Malta u hawn qed inħossni mimli ħeġġa. Ara jien kemm mingħalija li ma nafx inħit u hawn qed nagħllem il-ħjata. Ara jien kemm mingħalija li miniex tajba għal teacher u hawn qed nagħallem lit-tfal il-computer.

Allura jekk kullħadd ikun ta sehemu u kuntent b'dak li għamel, din mħux festa ta' ferħ ser tkun? Għalħekk ngħidilkom la taqtawx qalbkom, tibżgħux, imma għamlu kuraġġ, għax il-mirakli għadhom isiru, u qalbkom timtela bil-ferħ, u l-ferħ tagħkom ma joħodulkom ħadd.